# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

## Seduta tat-Tnejn, 26 ta' Ottubru 2020

## Talba Numru 218/2019SFJ

***GO p.l.c. (C22334)***

***vs.***

***Kurdt Lee Busuttil (16896M) u b'digriet tas-7 ta' Ottubru 2019 ġiet imsejħa fil-kawża Annabelle Camilleri Monreal (311185M)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fis-16 ta' Awwissu 2019 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi qalet:

- Li l-konvenut kien debitur tagħha fl-ammont ta' **tlett elef u mija u seba' u sebgħin Ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€3,177.51)** maqsumin kif ġej:
    - €903.61 in konnessjoni ma' servizzi miġbura fil-kont bin-numru 40642463;
    - €1,429.38 in konnessjoni ma' servizzi miġbura fil-kont bin-numru 40639810;
    - €312.21 in konnessjoni ma' servizzi miġbura fil-kont bin-numru 40642442; u
    - €532.31 in konnessjoni ma' servizzi miġbura fil-kont bin-numru 40554895.
- Il-konvenut baqa' inadempjenti nonostante interpellazzjoni u għalhekk kellha ssir din il-kawża kontra l-konvenut li kien inġunt għas-subizzjoni.
- Bl-ispejjeż u d-drittijiet inklużi dawk in konnessjoni mal-ittra uffiċjali 3122/17 u bl-imgħaxijiet legali mit-22 ta' Marzu 2019 (data tan-notifika tal-ittra uffiċjali) 'l quddiem.

Ra r-Risposta tal-konvenuti ippreżentata fl-10 ta' Settembru 2019 li fiha tressqu s-segwenti eċċezzjonijiet:

- Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż u dan peress li s-servizzi msemmija fl-Avviż ma ngħatawx lil lilu iżda lil Annabelle Camilleri Monreal (311185M) li preżentement qed tiskonta sentenza ta' priġunerija fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin.

- Il-firem fuq il-kontratti tas-servizzi mhumiex tal-mittent Kurdt Lee Busuttil.

- Annabelle Camilleri Monreal għandha tiġi kjamata fil-kawża.

Ra li kif jidher mill-verbal tas-7 ta' Ottubru 2019, it-Tribunal laqa' t-talba għas-sejħa fil-kawża ta' Annabelle Camilleri Monreal u bi qbil bejn il-partijiet, ordna l-inverżjoni tal-provi.

Ra li skont kif imniżżel fil-verbal tal-25 ta' Novembru 2019, il-kjamata fil-kawża Annabelle Camilleri Monreal qatt ma ppreżentat Risposta sabiex tirribatti l-kontenut tal-Avviż tat-Talba.

Rat in-nota tas-soċjetà attriċi ppreżentata fis-27 ta' Jannar 2020 li permezz tagħha s-soċjetà attriċi naqqset l-ammont mitlub minnha għal **elfejn u sitt mija u ħamsa u erbgħin Ewro u għoxrin ċenteżmu (€2,645.20)**.

Sema' x-xhieda kollha, qara d-dokumentazzjoni kollha ippreżentata, ra li fl-udjenza tal-25 ta' Settembru 2020 il-partijiet straħu fuq il-provi li kien hemm u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għas-26 ta' Ottubru 2020.

## <u>Provi ippreżentati</u>

Fl-udjenza tat-28 ta' Ottubru 2019 xehed **Daniel Cremona**, prodott mill-konvenut. Bil-Malti u taħt ġurament, huwa xehed hekk in eżami:

- Illi hu kien *sales manager* fi ħdan is-soċjetà attriċi.

- Illi d-dokument B1 (fol. 7) kien kuntratt ta' applikazzjoni tal-*mobile* li kien ipproċessa hu.

- Illi meta kien mistoqsi jekk setax jiftakar kellux il-partijiet quddiemu, huwa wieġeb li biex jimla d-dokument kellu jiltaqa' ma' Kurdt li probabbli kien beda jaħdem ma' "Jogal", li hija *subcontractor* tas-soċjetà attriċi. Jidher li "Jogal" kienet tesiġi li l-impjegati tagħha jidħlu f'kuntratt tal-*mobile* mas-soċjetà attriċi billi kienu jkunu qed jiltaqgħu mal-klijenti tas-soċjetà attriċi.

- Illi mitlub jispjega d-dokument A1 u d-dokumenti li jinsabu warajh, qal li kien "*jissopponi*" li huma kontijiet.

- Illi d-dokument a fol. 7 kien jirreferi għan-numru tal-*mobile* 79727971 "*entra limitless 60*" u dak in-numru tal-*mobile* kien jappartjeni lil Kurdt Busuttil.

- Illi d-dokument a fol. 8 kien jappartjeni lil Kurdt Busuttil u kien jirreferi għan-numru tal-*mobile* 79000600 "*limitless entra 2*".

- Illi d-dokument a fol. 9 kien ukoll jappartjeni lil Kurdt Busutiil u jirreferi għan-numru tal-*mobile* 99819595 fuq il-pjan "*limitless 1*".

- Illi dawn kienu tlett numri tal-*mobile* kollha irreġistrati fuq Kurdt Lee Busuttil.

- Illi d-dokument a fol. 10 kien jirreferi għal xi servizzi tad-dar bid-deskrizzjoni "*home pack silver interactive*".

- Illi mistoqsi jekk id-dokument B2 (fol. 8) kienx attwalment ipproċessat, wieġeb li kien ipproċessat iżda kellu jiċċekkja r-*records* u ma kienx jaf bl-amment jekk kienx ipproċessat iżda qal li l-probabilità kienet li iva, kien ipproċessat. Mistoqsi jekk il-firma saritx fil-preżenza tiegħu, Cremona qal li aktarx li iva, kienet saret fil-preżenza tiegħu.

- Illi mbagħad huwa żied li ġieli kien il-każ li huwa ta l-karti lil xi ħadd u dawn iġibuhom lura ffirmati (f'liema każ il-firma ma tkunx saret quddiemu). F'dan il-każ, ix-xhud ma setax jiftakar iżda qal li n-norma kienet li jekk il-persuna tkun preżenti, tiffirma quddiemu.

- Illi meta magħfus għad-dettal, ix-xhud qal li ma setax jiftakar iltaqax mal-konvenut Kurdt Busuttil iżda billi dan kien *technician* tal-"Jogal" u mar għandhom biex jagħmel kuntratt, aktarx li iva, kienu ltaqgħu. Ix-xhud enfasizza li dan kien fl-2015 u kien għadda ż-żmien.

Cremona xehed in kontro-eżami:

- Illi huwa kien qiegħed jagħraf il-kitba tiegħu fuq id-dokument a fol. 7.

- Illi b'referenza għal "Jogal", ix-xhud spjega li din kienet *subcontractor* tas-soċjetà attriċi li kienet tħaddem *technicians*, liema *technicians* kienu mbagħad japplikaw għas-servizzi tas-soċjetà attriċi b'rati speċjali u mbagħad kienu jmorru jinstallaw l-istess servizzi fid-djar tal-klijenti tas-soċjetà attriċi.

- Illi kien "*probabbli*" li ltaqa' mal-konvenut Busuttil dakinhar iżda kien ċert li l-konvenut Busuttil kien *technician* ta' "Jogal".

- Illi huwa kellu x'jaqsam biss mad-dokument a fol. 7.

Fl-istess udjenza xehed **Ian Sammut**, prodott mil-konvenut. In eżami, huwa xehed:

- Illi huwa kien *sales customer care representative* fi ħdan is-soċjetà attriċi u issa kien jaħdem fit-taqsima *GO Business*. Fiż-żmien li ġie redatt id-dokument B4 (fol. 10), kien fit-taqsima tal-*customer sales*.

- Illi b'referenza għad-dokument B4 (fol. 10), ix-xhud kien inkarigat li jagħmel l-*in putting* tal-informazzjoni u jaqdi l-klijent hu stess. Ma setax jiftakar x'ġara dakinhar speċifikament għax hu kien jaqdi ħafna nies, iżda l-proċedura kienet li l-klijenti jkunu ġew preżenti quddiemu. Il-proċedura kienet li meta jkun hemm *authorisation letter*, hu jkun qabbel il-kontenut tal-ittra mal-karti tal-identità. Il-klijenti, f'każ li jkun hemm *authorisation letter*, kellhom imorru bil-karti tal-identità tagħhom. Qal ukoll li kien iqabbel il-firem tal-klijenti mal-firem fuq il-karti tal-identità tagħhom.

- Illi mistoqsi dwar il-firma tar-rappreżentant tas-soċjetà attriċi fuq id-dokument, huwa qal li dik ma kinitx il-firma tiegħu iżda mal-formola tiegħu kien hemm firma. Skont ix-xhud, dan kien jindika li l-konvenut Busuttil kien applika.

- Illi magħfus sabiex jiċċara jekk il-partijiet iffirmawx quddiemu, ix-xhud qal li kien jaf biss li ma kienx hu li ffirma l-formola. Ix-xhud aċċetta li l-formola prinċipali kien iffirmaha hu u kien hemm il-klijent quddiemu. Saħansitra x-xhud irrefera għall-*cameras*. Ix-xhud ammetta li żbalja li ma ffirmax il-formola hu.

- Illi meta mistoqsi kienx possibbli li l-konvenut u l-kjamata fil-kawża ġew bil-formola lesta quddiemu, ix-xhud wieġeb fin-negattiv u qal li kienet "*strict policy*" tas-soċjetà attriċi li l-persuni bilfors kellhom ikunu t-tnejn preżenti bil-karti tal-identità tagħhom.

- Illi fir-rigward tas-servizz tal-*home pack* (numru tat-telefon 21681027), ix-xhud ikkonferma li dan kien kuntratt differenti minn dak li dwaru kien ġie mistoqsi dwar il-firem.

Sammut xehed in kontro-eżami:

- Illi x-xogħol tiegħu kien li jbigħ is-servizzi tas-soċjetà attriċi u jgħin lil kull min kellu xi problemi dwar kontijiet jew affarijiet oħra. Fiż-żmien in kwistjoni, hu kien stazzjonat fil-fergħa tar-Raħal Ġdid. Hu kien ikun wara l-*counter* u jaqdi l-klijenti minn hemm.

- Illi s-servizz tal-*home pack* kien servizz li jinkludi l-linja tat-telefon, konnessjoni tal-internet u servizz ta' televiżjoni.

- Illi l-firma fid-dokument a fol. 10 tal-proċess kienet tiegħu.

- Illi l-kuntratt a fol. 10 kien iffirmat minn Annabelle Camilleri iżda kien jgħajjat lil Kurdt Lee Busuttil.

- Illi x-xhud kien mistoqsi għaliex ipproċessa kuntratt f'isem Kurdt Lee Busuttil iżda ffirmat minn Annabelle Camilleri. Ix-xhud wieġeb li ġieli kien ikun il-każ li timtela' *authorisation letter* bil-karti tal-identità jidhru (stante li x-xhud qal li lanqas setgħu jżommu kopji tal-karti tal-identità).

- Illi fuq suġġeriment tat-Tribunal, ix-xhud ikkonferma li din ma kinitx prokura, iżda *authorisation letter* maħruġa mis-soċjetà attriċi stess. Din l-*authorisation letter* kienet tgħid li Annabelle Camilleri kienet marret bil-karta tal-identità tagħha u bil-karta tal-identità ta' Kurdt Lee Busuttil ukoll u ffirmat f'ismu. Hawn saret referenza għad-dokument li jinsab a fol. 12 tal-proċess.

Fl-istess udjenza xehdet **Maryanne Camilleri**, prodotta mill-konvenut. Bil-Malti u taħt ġurament, hija xehdet:

- Illi hija kienet *credit control officer* fi ħdan is-soċjetà attriċi.

- Illi:

    - Dokument A1 kien jirreferi għal *account number* 40554895 u kien jidher li kien servizz tal-*mobile* bin-numru 79727971;
    - Dokument A2 kien jirreferi għal *account number* 40642442 u kien jirreferi għan-numru tal-*mobile* 79000600;
    - Dokument A3 kien jirreferi għal *account number* 40639810 u kien jirreferi għan-numru tal-*mobile* 99819595;
    - Dokument A4 kien jirreferi għal *account number* 40642463 u kien jirreferi għall-*home pack* bil-*landline* 21681027.

- Illi dawn kienu għalhekk tlett servizzi tal-*mobile* u *home pack*.

In kontro-eżami, Camilleri kkonfermat li mill-ftuħ tal-kawża 'l quddiem ma saru ebda pagamenti u ma kienx hemm kuntatt bejn il-partijiet. Fuq domanda tat-Tribunal, ix-xhud ikkonfermat li l-prokura relattiva kienet digà ippreżentata.

Fl-udjenza tal-25 ta' Novembru 2019 xehdet **Annabelle Camilleri Monreal**, prodotta mill-konvenut. Bil-Malti u taħt ġurament, hija xehdet:

- Illi qabel xejn, hija aċċettat li għamlet użu minn numru ta' servizzi pprovduti mis-soċjetà attriċi bejn is-snin 2015 u 2017. Hija kompliet tgħid li f'dak il-perjodu ma setgħetx tagħmel kontijiet fuq isimha. Kellha *partner*, *mobile* u servizz tal-*internet* fid-dar.

- Illi biex ma toqgħodx iddaħħal lill-*partner* tagħha fl-istorja u billi Kurdt Lee Busuttil u l-familja tiegħu kienu ħbieb tagħha, hija ammettiet li s-servizzi kollha kienu effettivament tagħha u għaliha ħlief għal dak li jirreferi għan-numru 79727971. Ix-xhud kompliet tgħid li l-kuntratt relattiv (dokument A1) kien fuq isem Kurdt Lee Busuttil.

- Illi n-numru 79000600 kien tal-*partner* tagħha u kienu jużawh għax-xogħol, in-numru 99819595 kien tagħha personalment u n-numru 21681027 kien tad-dar u kien jifforma parti mill-*home pack*.

- Illi hija aċċettat li ebda numru ma kien jgħajjat lilha billi kienu kollha fuq isem Kurdt Lee Busuttil iżda kienet tużahom hi.

- Illi hija qalet li kienet lesta tidħol fi ftehim mas-soċjetà attriċi billi f'Marzu 2020 kellha tkun skarċerata. Hija kompliet tgħid li ma riditx tħalli lil Kurdt Lee Busuttil b'dak id-dejn u qalet li ma ħallsitx qabel għax kellha mandati kontriha mill-ex-raġel tagħha.

- Illi meta mistoqsija dwar id-dokument B5 (fol. 12), hija qalet li la l-firem u lanqas il-kitba fuq id-dokument ma kienu tagħha.. Hija kkonfermat li Annabelle Camilleri kienet hi u li n-numru tagħha kien 99819595 filwaqt li n-numru ta' Kurdt Lee Busuttil kien 79727971 iżda nsistiet li d-dokument B5 ma kellu la l-kitba u lanqas il-firma tagħha.

- Illi hija kompliet tgħid li lanqas biss kienet taf li dak id-dokument kien jeżisti.

- Illi mistoqsija dwar firem, ix-xhud qalet li fir-rigward tal-*home pack* ma kinitx iffirmat hi. Qalet li kienu marru r-Raħal Ġdid u qalu li riedu *home pack*. Iżda għalkemm ma ffirmatx, kienet tagħmel użu mis-servizz.

Fil-kontro-eżami, ix-xhud xehdet:

- Illi meta mistoqsija kif seta' jkun li servizzi wżati minnha kienu fuq isem Kurdt Lee Busuttil u mhux fuq isimha, hija qalet li Busuttil huwa ħabib tagħha u għamlilha pjaċir. Dan il-pjaċir kien jikkonsisti f'li jqiegħed l-affarijiet fuq ismu iżda tużahom ix-xhud.

- Illi hija kkonfermat li Kurdt Lee Busuttil ikkuntratta f'ismu iżda għall-benefiċċju tagħha. Huma marru l-fergħa tas-soċjetà attriċi fir-Raħal Ġdid u Busuttil, wara li ntalab mix-xhud, aċċetta li kollox ikun fuq ismu. Ix-xhud qalet li kif jasal il-kont kienet ser tħallas hi iżda spiċċat ma ħallsitx.

Fl-istess udjenza xehdet **Sharon Busuttil**, prodotta mill-konvenut. Bil-Malti u taħt ġurament, hija qalet li hija kienet omm Kurdt Lee Busuttil u li binha kien għamel pjaċir lil Annabelle Camilleri Monreal. Hija xehdet li Annabelle kienet tkellimha mill-ħabs u dejjem ammettiet li l-kontijiet kienu tagħha. Iżda mid-dehra, Annabelle kienet tgħid ukoll li mill-ħabs ma setgħet tirranġa xejn.

Fl-istess udjenza xehed il-konvenut, **Kurdt Lee Busuttil**. Bil-Malti u taħt ġurament, huwa xehed:

- Illi hu kien mar fil-fergħa tas-soċjetà attriċi fir-Raħal Ġdid ma' Annabelle. Għalkemm huwa aċċetta li jagħmel xi kontijiet fuq ismu iżda għall-benefiċċju tagħha, ma setax jagħmel iżjed minn tlett kuntratti fuq ismu (għax hu diġà kellu l-kuntratt tal-*mobile* tiegħu mas-soċjetà attriċi). Hu kkonferma li kien jaħdem ma' "Jogal". Qal ukoll li meta kienu hemm, iffirma karta waħda biss. Qal li skont dak li fehem mingħand ir-rappreżentant tas-soċjetà attriċi, l-arranġament ma setax isir. Madankollu, wara xi siegħa, Annabelle ċemplitlu u talbitu l-karta tal-identità tiegħu. Hu taha l-karta tal-identità tiegħu u wara xi sagħtejn, Annabelle qaltlu li kienet irranġat kollox.

- Illi n-numru 79727971 kien ilu għandu sa minn żmien qabel u qal li ebda wieħed min-numri l-oħrajn ma kien użat minnu, għalkemm il-kuntratt kien fuq ismu. Hu qal li kien taha l-karta tal-identità tiegħu u ma ffirma ebda karta oħra. Annabelle kienet qaltlu li kienet ser tħallas il-kontijiet hi u hu fdaha.

- Illi dakinhar stess, Annabelle ċemplitlu u qaltlu li kienet irranġat. Ma qaltlux kemm għamlet kontijiet. Imbagħad, hu beda jirċievi xi dokumentazzjoni u fil-fatt, dawn il-karti kellhom l-indirizz tagħha f'Ħal Safi. Hu qal li ma kienx hemm l-indirizz tiegħu u hu ma kellu ebda konnessjoni ma' Ħal Safi.

- Illi l-firma a fol. 7 kienet tiegħu iżda l-firma a fol. 8 ma kinitx tiegħu. F'dan il-punt, ix-xhud ikkummenta li ma tantx kien jaf jaqra.

- Illi l-firem a fol. 9 u a fol. 10 ma kinux tiegħu. Dwar il-firma a fol. 7, ix-xhud insista li dik kienet tiegħu u qal li kienet bħall-firma fuq il-karta tal-identità tiegħu.

- Illi l-firem a fol. 11 u 12 tal-proċess ma kinux tiegħu.

Fil-kontro-eżami, Busuttil xehed:

- Illi meta kien mistoqsi għalfejn ma ħallasx relattivament għall-kont li kien jindika n-numru personali tiegħu (79727971), huwa qal li kien qiegħed iħallas iżda ma baqax iħallas billi kien beda jirċievi l-kontijiet ta' kulħadd fuqu u ma setax iħallas. Magħfus fuq dan il-punt, ix-xhud wieġeb biss li ma kompliex iħallas.

- Illli mistoqsi jekk qatt ilmentax mas-soċjetà attriċi sabiex jinfurmaha li kien hemm kontijiet li ma kellux x'jaqsam magħhom, ix-xhud qal li ma setax jiftakar iżda aktarx li f'xi okkażjoni waħda kien ċempel lis-soċjetà attriċi wara li kien irċieva xi erba' kontijiet.

- Illi mistoqsi jekk kinitx ħaġa normali li jagħti l-karta tal-identità tiegħu lil ħaddieħor sabiex jagħmel li jrid biha, ix-xhud qal li dak ma kienx normali iżda kien għadu żgħir u billi l-*partner* ta' Annabelle kien liebes qmis u ingravata, ħass li seta' jafdahom u għalhekk tahom il-karta tal-identità tiegħu. Qal ukoll li hu ma reġax mar fil-fergħa tar-Raħal Ġdid għax in-nies tas-soċjetà attriċi fil-fergħa kienu diġà qalulu li ma seta' jsir xejn.

- Illi hawn, ix-xhud reġa' kkonferma li l-firma fuq id-dokument a fol. 7 kienet tiegħu iżda rigward id-dokumenti l-oħrajn, qal li lanqas biss kien jaf jiffirma hekk.

- Illi mbagħad ix-xhud wiegħed lill-avukat tas-soċjetà attriċi li fix-xahrejn li kien imiss kien ser jagħmel żewġ pagamenti mensili ta' mitejn u ħamsin Ewro.

Fl-istess udjenza reġgħet xehdet **Annabelle Camilleri Monreal**. Bil-Malti u taħt ġurament, hija xehdet:

- Illi fir-rigward tal-*home pack*, hija kienet irritornat it-tagħmir relattiv lis-soċjetà attriċi iżda ma kinitx taf speċifikament lil min kienet tathom. Madankollu, hija wegħdet li tivverifika jekk it-tagħmir kienx għandha sabiex jekk dan kien il-każ, tirritornah lis-soċjetà attriċi.

- Illi hija kienet marret f'xi fergħa tas-soċjetà attriċi flimkien ma' Kurdt Lee Busuttil darba u qatt ma marret waħedha.

- Illi hija kkonfermat li meta Busuttil taha l-karta tal-identità tiegħu, kien hemm ir-raġel tagħha magħha. Qalet li marret bil-karta tal-identità ta' Busuttil għand is-soċjetà attriċi u qalet li taħseb li

tathielhom għax talbuha kopja. Qalet ukoll li ma ffirmat ebda karta u li ma setgħet tiffirma ebda karta billi l-kuntratt ma kienx fuq isimha.

- Illi hija saħansitra qalet mhux biss li ma ffirmat ebda dokument, iżda li lanqas biss ġiet mitluba tiffirma dokumenti mis-soċjetà attriċi.

- Illi kienet daħlet waħedha fil-fergħa tas-soċjetà attriċi. Hija qalet li l-karta tal-identità ta' Busuttil damet għandha madwar tlett xhur u mbagħad tathielu lura.

- Illi mitluba tispjega min iffirma l-kuntratt tal-*home pack* meta s-servizz kienet tużah hi, hija qalet biss li l-kuntratti minn dejjem kienu f'isem Busuttil. Imbagħad, hija qalet li ma kinitx iffirmatu hi. Wara li kkonfermat li s-servizz tal-*home pack* ġie nstallat f'darha, hija mbagħad qalet li kienu hi u Busuttil flimkien li għamlu l-kuntratt f'isem Busuttil iżda kienet hi li għamlet użu mis-servizz u ammettiet li kellha tħallsu.

- Illi mbagħad, ix-xhud kompliet tiċħad li kien hemm firem tagħha fuq id-dokumenti relattivi.

Fl-udjenza tas-27 ta' Jannar 2020 xehed **Kurdt Lee Busuttil** ikkonferma li hu kien ħallas ħames mija u tnejn u tletin Ewro u wieħed u tletin ċenteżmu (€532.31) relattivament għall-kont li kien jirreferi għall-*mobile number* 79727971.

Fl-istess udjenza reġgħet xehdet **Maryanne Camilleri** li kkonfermat dan il-ħlas u qalet li kien baqa' bilanċ ta' elfejn u sitt mija u ħamsa u erbgħin Ewro u għoxrin ċenteżmu (€2,645.20) fuq il-kontijiet bin-numri 40639810, 40642442 u 40642463.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

It-Tribunal josserva:

1. **It-Tribunal josserva li huwa evidenti min-nota ta' riduzzjoni li l-ammont mitlub ġie ridott bl-ammont ta' €532.31, li huwa l-ammont marbut mal-kont 40554895. Billi dan l-ammont tħallas, it-Tribunal mhux ser jikkalkulah aktar fil-konsiderazzjonijiet tiegħu.**

2. Il-prokura li tinsab a fol. 12 tindika li Kurdt Lee Busuttil ta prokura lil Annabelle Camilleri Monreal. Dawn iż-żewġ persuni ċaħdu li qatt iffirmaw dan id-dokument. Għalkemm, min-naħa l-oħra, Busuttil xehed (u din ix-xhieda ma ġietx kontradetta) li Annabelle Camilleri Monreal kienet talbitu l-karta tal-identità tiegħu u ftit sigħat wara qaltlu li kienet "*irranġat*". Inoltre, Camilleri Monreal ammettiet li hija żammet il-karta tal-identità tal-konvenuta fil-pussess tagħha għal madwar tlett xhur u f'dak iż-żmien, setgħet għamlet ħafna affarijiet biha.

3. M'hemmx dubju li l-mertu tal-kawża huma tlett servizzi tal-*mobile* u kuntratt ta' *home pack*. Annabelle kellha l-awtorità li tiffirma (skont il-prokura) għall-*home pack* biss.

4. Kemm Daniel Cremona kif ukoll Ian Sammut (impjegati tas-soċjetà attriċi) qalu li ma kinux ċerti jekk il-konvenut Busuttil iffirmax quddiemhom. Fil-fatt, Sammut irrefera speċifikament għall-*authorisation letter*.

5. Fil-verità, l-*authorisation letter* kienet użata ħażin. Donnu ħadd ma nduna li l-awtorizzazzjoni kienet biss għall-*home pack* u ma kellhiex tapplika għan-numri tal-*mobile*.

6. Kemm Annabelle kif ukoll Kurdt Lee Busuttil ikkonfermaw li n-numru tal-*mobile* 79727971 kien ta' Busuttil biss u ma kellu ebda konnessjoni ma' Annabelle.

7. **Il-firma fuq id-dokument B1 (fol. 7) tirreferi għan-numru 79727971 u hija identika għal waħda mill-firem fuq l-*authorisation letter* (fol. 12). Inoltre, din il-firma, anki mad-daqqa t'għajn, hija identika għall-firma ta' Kurdt Lee Busuttil kif tidher fil-karta tal-identità tal-istess Busuttil.**

8. Annabelle Camilleri Monreal ammettiet li kienet hija li kienet tuża n-numru 99819595. Meta t-Tribunal ra d-dokument A3 (fol. 9) li jirreferi għal dak in-numru, seta' jara li l-firma hija l-istess bħal dik fuq l-*authorisation letter*. Il-probabilità għalhekk hi li Busuttil applika għas-servizz iżda wżatu Annabelle. F'dan il-każ, is-soċjetà attriċi tkun taf lil Busuttil u mhux lilha. **Dan għax il-firma a fol. 9, anki mad-daqqa t'għajn, hija identika għall-firma ta' Kurdt Lee Busuttil kif tidher fil-karta tal-identità tal-istess Busuttil.**

9. Dwar il-*home pack*, Annabelle ikkonfermat li kienet hi li wżatu. Kellha l-awtorizzazzjoni biex tapplika għalih u l-awtorizzazzjoni sabiex tuża isem Busuttil.

10. Dwar il-*mobile number* 79000600, Annabelle ma semmiet xejn.

11. Madankollu, fix-xhieda tagħha a fol. 44 u 45, Annabelle tgħid li ma ffirmatx il-prokura (dokument B5 a fol. 12). Minkejja dan, il-firem fuq il-prokura huma identiċi għal dawk fuq dokument B2 u B4!

12. Annabelle Camilleri Monreal m'hix xhud kredibbli. Fix-xhieda tagħha, hija l-ewwel qalet li darba marret fil-fergħa tas-soċjetà attriċi ma' Kurdt Lee Busuttil imbagħad qalet li daħlet waħedha. Imbagħad qalet li l-kuntratt għall-*home pack* kien sar minnhom it-tnejn preżenti fil-fergħa iżda fuq isem Busuttil biss. Dawn huma tlett kontradizzjonijiet li saru tul ix-xhieda tagħha fl-udjenza tal-25 ta' Novembru 2019.

13. Busuttil qal:
    i. Li mar fil-fergħa ma' Annabelle darba;
    ii. Li n-numru 79727971 kien ilu għandu;
    iii. Li n-numru 79000600 kien tagħha iżda rreġistrat f'ismu;
    iv. Li kien taha l-karta tal-identità tiegħu fir-rigward tan-numru 79000600 (u dan jispjega d-differenza fil-firma fid-dokument B2); u
    v. Li n-numru 99819595 kien tagħha iżda rreġistrat f'ismu.

14. Busuttil ikkonferma <u>biss</u> li l-firma li kienet tiegħu kienet dik a fol. 7. Huwa qal li l-firem l-oħrajn ma kinux tiegħu. **Kif jidher mill-kopja tal-karta tal-identità tiegħu, li ġiet ippreżentata fuq ordni tat-Tribunal, huwa minnu li l-firma a fol. 7 hija tiegħu. Iżda jirriżulta li anki l-firma a fol. 9 hija ta' Busuttil.**

15. It-Tribunal ma jemminx li Annabelle marret darba biss għand is-soċjetà attriċi (kif qalet a fol. 53). Meta kienet magħfusa mit-Tribunal, it-tweġibiet tagħha kienu totalment tali li jqajmu d-dubju. It-Tribunal lanqas ma jemmen li Annabelle ma ffirmatx karti għand is-soċjetà attriċi. Hija ammettiet li wżat il-*home pack* u li dan ġie nstallat f'darha iżda nsistiet li ma ffirmat ebda ftehim għall-*home pack*! Hawn, it-Tribunal jerġa' jfakkar li l-prokura (fol. 12) tirreferi għall-*home pack* u mhux għal servizzi oħra!

16. Għalhekk, filwaqt li t-Tribunal jemmen li Busuttil għamlilha pjaċir billi ħalliha tapplika tramite ismu, fir-realtà dan kien installat fid-dar tagħha. Nonostante, is-soċjetà attriċi kienet taf lilu wkoll.

17. L-ammont marbut man-numru tal-*mobile* 79727971 huwa tal-konvenut Busuttil. Kemm hu kif ukoll Annabelle ikkonfermaw dan (ara fol. 51). Għalhekk, l-ammont marbut ma' dan in-numru huwa dovut. Jirriżulta iżda li dan l-ammont tħallas fil-mori tal-kawża u wara li tħallas, is-soċjetà attriċi ppreżentat nota ta' riduzzjoni.

18. Huwa ċar li Busuttil xjentement ħalla lil Annabelle tuża l-*home pack*. Kien jaf li dan kien qiegħed f'ismu. Is-soċjetà attriċi fil-verità taf lilu iżda Annabelle ammettiet li wżatu, oltre li kien installat f'darha. Għalhekk, il-konvenut u l-kjamata fil-kawża huma debituri solidali.

19. Rigward l-*account number* 40642442 (numru tal-*mobile* 79000600), it-Tribunal jemmen li Busuttil ma ffirmax id-dokument a fol. 8. L-indirizz indikat huwa dak tal-kjamata fil-kawża. Pero t-Tribunal jemmen ukoll li hija wżat l-*authorisation letter*. Busuttil ta l-karta tal-identità tiegħu lil Camilleri u inoltre, wieħed m'hemmx għalfejn ikun espert sabiex jara r-rabta bejn il-firem.

20. Rigward l-*account number* 40639810 (numru tal-*mobile* 99819595), Camilleri ammettiet li dan kien tagħha. It-Tribunal jemmen li Busuttil applika għalih stante li l-firma a fol. 9 hija identika għall-firma a fol. 7 (li ġiet ikkonfermata minn Busuttil bħala tiegħu). Għalhekk, hawn ukoll, Busuttil u Camilleri għandhom jinżammu bħala debituri solidali.

21. Dwar il-firem infushom, it-Tribunal jemmen li Busuttil forsi għandu raġun jiċħad li l-firem a fol. 8, 10 u 11 huma tiegħu, iżda m'għandux raġun jiċħad il-firma a fol. 9 li hija identika għall-firma a fol. 7 (li hu stqarr li kienet tiegħu). M'hemmx għalfejn wieħed ikun espert kalligrafiku biex jara dan.

22. M'hemmx bżonn li wieħed jidħol f'wisq dettal fir-rigward tal-prokura billi din tirreferi għall-*home pack* li fi kwalunkwe każ huwa ċar li ġie nstallat fid-dar ta' Camilleri u li hi għamlet użu minnu. Pero huwa wkoll ċar li l-konvenut ammetta li taha l-karta tal-identità tiegħu u fix-xhieda tiegħu a fol. 47, ammetta li ffirma xi dokument. Għalhekk din hija bilfors xi karta <u>oltre</u> minn xi karti relatati man-numru 79727971 (billi hu diġà għandu dan in-numru). It-Tribunal m'għandux dubju li l-*home pack* kien użat minnha. Il-firma ta' Kurdt Lee Busuttil kif tidher fil-prokura hija, anki mad-daqqa t'għajn, identika għall-firma tiegħu fuq il-karta tal-identità tiegħu.

23. M'hemmx bżonn li wieħed jivverifika l-firem a fol. 8, 10 u 11 għax wieħed m'hemmx għalfejn ikun espert biex jagħraf li dawn il-firem huma differenti u t-Tribunal għandu jistrieħ fuq il-provi l-oħrajn kollha biex jiddetermina l-każ. Lanqas hemm bżonn li wieħed jivverifika l-firem a fol. 9 stante li m'hemmx għalfejn wieħed ikun espert sabiex jidentifikaha.

24. **Huwa ukoll t-tort tas-soċjetà attriċi li m'għamlitx *witness to signature* u aċċettaw dokumenti mingħajr *witness to signature*!** Min-naħa l-oħra, it-Tribunal ma jistax jinjora l-fatt li servizz ġie mogħti. Il-kuntratt tal-*home pack* għandu firma kompletament differenti.

25. In-numru tal-*mobile* 79000600 kien użat minn Camilleri iżda f'isem Busuttil u hu taha l-karta tal-identità u għandu jitqies li f'dak il-punt, Busuttil ta l-kunsens tiegħu lil Camilleri. Hawn, is-soċjetà attriċi ma kinitx korretta.

26. It-Tribunal mhux qed jemmen lil Camilleri. Anzi, jemmen, li kienet hi li kkuntrattat il-*home pack* u kienet hi responsabbli għal dan. **Dan għar-raġuni li s-soċjetà attriċi żbaljat bl-ikrah meta aċċettat prokura jew *authorisation letter* difettuża bħal dik!**

27. It-Tribunal ma laqax it-talba sabiex jinħatar espert qabel xejn sabiex isegwi l-provvedimenti tal-Kap. 380 tal-Liġijiet ta' Malta u anki għax mill-provi joħrog ċar li l-firem li jinsabu a fol. 7 u a fol. 9 huma kompletament diversi minn dawk li jinsabu a fol. 8, 10 u 11. Il-firem a fol. 7 u a fol. 9 huma, anki mad-daqqa t'għajn, identiċi għall-firma ta' Kurdt Lee Busuttil skont il-karta tal-identità tal-istess Kurdt Lee Busuttil.

Dwar il-mandat, l-Art. 1857(2) tal-Kodiċi Ċivili jgħid:

"*Bla ħsara ta' kull dispożizzjoni speċjali oħra tal-liġi, il-mandat jista' jingħata b'att pubbliku, b'kitba privata, b'ittra, jew bil-fomm, jew ukoll taċitament.*"

Il-Prim' Awla, fis-sentenza ***Elizabeth Elkhiate et vs. Emanuel Attard et*** (deċiża fit-28 ta' Frar 2001), qalet:

"*Il-mandat jista' jinghata mhux biss bil-miktub, imma anke bil-fomm u anki tacitament. (Rizzo Bamber vs Rizzo PA 11.1.50) Il mandato a comperare immobili non e' soggetto alla necessita' dello scritto, e percio' e' ammissibile la prova testimoniale per dimostrarlo ( Galea vs Gauci 24.4.1931 App.)*"

Inoltre, jingħad fis-sentenza ***Carmen Aquilina et vs. Edgar Ellul*** (deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Marzu 2003):

"*In tema tar-ratifika tacita tajjeb li jigi rilevat illi anke fil-kaz tal-kunsens tacitu il-gurisprudenza irragunat li kien hemm bzonn essenzjalment ta' zewg rekwiziti cioe` li dak li jikkonsenti jkun pjenament konsapevoli tal-vera portata u l-effetti tal-att li jinghad li huwa wiehed tacitament jikkonsenti jew jaccetta, u di piu` illi l-komportament tieghu jkun tali li jkun inkonciljabbli mal-volontà tieghu lijzomm fermi d-drittijiet tieghu, b'mod li l-kondotta tieghu ma tistax tigi spjegata b'mod iehor hlief li huwa jkun accetta l-operat li ghalih ikun qed jigi allegat li akkonsenta.*"

It-Tribunal josserva li hemm l-eżistenza ta' mandat taċitu. Diversi drabi ġara li l-kjamata fil-kawża ffirmat dokumenti hi iżda użat l-isem u l-karta tal-identità tal-konvenut imma mbagħad indikat bħala indirizz postali u *e-mail address* dettalji li kienu tagħha (ara, per eżempju, id-dokument a fol. 10 – li għandu l-isem u l-karta tal-identità ta' Kurdt Lee Busuttil iżda l-firma, l-indirizz u l-*e-mail address* tal-kjamata fil-kawża. Busuttil qatt m'għamel xejn biex jallontana ruħu minn dak kollu li setgħet għamlet il-kjamata fil-kawża. B'kull rispett, it-Tribunal jinnota li kemm-il darba Busuttil saħansitra taha prokura u taha l-karta tal-identità tiegħu u ħalliha tikkuntratta f'ismu, dan messu qagħad attent x'kienet qed tagħmel hi bid-dettalji tiegħu!

## Deċide

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talbiet kollha tas-soċjetà attriċi kif ridotti permezz tan-nota ta' riduzzjoni u għalhekk:

i. Jiddikjara lill-konvenut Kurdt Lee Busuttil u lill-kjamata fil-kawża Annabelle Camilleri Monreal bħala debituri solidali tas-soċjetà attriċi fl-ammont ta' **elfejn u sitt mija u ħamsa u erbgħin Ewro u għoxrin ċenteżmu (€2,645.20)** u jordnalhom iħallsu din is-somma lis-soċjetà attriċi;

ii. Jikkundanna lill-konvenut u lill-kjamata fil-kawża sabiex solidalment bejniethom iħallsu lis-soċjetà attriċi l-imgħaxijiet fuq l-ammont relattiv, liema mgħaxijiet għandhom jiddekorru b'rata mhux ogħla minn dik permessa mill-liġi u mit-22 ta' Marzu 2019 sad-data tal-pagament effettiv; u

iii. Jikkundanna lill-konvenut u lill-kjamata fil-kawża sabiex iħallsu l-ispejjeż tal-kawża solidalment bejniethom.

**Avv. Juliana Scerri Ferrante**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**